**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Dicembru 2022**

**Rikors Numru: 254/2022 MLF**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 1799/19 fl-ismijiet:**

**Carmelo sive Charles Bianco (KI 44368(M) ghan-nom tas-socjeta Western Company Limited**

**vs**

**Kirsten Zammit (K.I. 172696(M)**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' Kirsten Zammit tat-18 ta' Novembru 2022 fejn ghar-ragunijiet fih premessi talbet lil din il-Qorti:

    1. Tordna l-hrug tal-kontro mandat
    2. Tiddikjara illi l-intimat ghandu jhallas interessi, imghax u spejjez sat-28 ta' Jannar 2022

3. Tiddikjara illi l-agir tas-socjeta rikorrenti huwa malizzjuz, frivolu u vessatorju u konsegwentament tikkundanna lis-socjeta rikorrenti thallas lill-intimat penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) ai termini tal-Artikolu 836.8 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana taht kull provvediment illi dina l-Inorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun

2. Rat ir-risposta tas-socjeta intimata fejn ghar-ragunijiet fiha premessi oggezzjonat ghat-talba

3. Rat li fis-seduta tal-lum ir-rikorrent ma dehritx u lanqas ipprezentat provi

4. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri

5. Semghat it-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta intimata

**Ikkunsidrat:**

6. Fis-seduta tal-lum ir-rikorrenti ma dehritx u lanqas resqet provi in sostenn ta' dak minnha allegat u cioe li l-ammont dovut kien thallas fl-intier tieghu

7. Pero kif gie ritenut fis-sentenza **"Michael Micallef vs Lloyds Malta Limited"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Novembru 2014, l-ghan tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li bis-sahha tieghu l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att iehor ezekuttiv jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nniffsu, li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg.

8. Certament ma kienitx l-intenzjoni tal-legislatur li din il-procedura tintunza biex il-Qorti tidhol fil-kwistjoni jekk l-ammont dovut hux verament imhallas jew le kif qed tippretendi ir-rikorrenti fir-rikors odjern, jew li tiddikjara x'ammont ta' flus ghandha thallas

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi:

   1. Tichad l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent

   2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba

10. L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu subiti mir-rikorrenti

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**